MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1416/2003

**Raymond Micallef**

**Vs**

**Emanuel Pace**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz ta' l-attur li originarjament talab Lm240 (mitejn u erbghin lira Maltin) u mbaghad iriduca t-talba ghal Lm238.73c (mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) rapprezentanti danni f'incident tat-traffiku kif ahjar spjegat fl-Avviz.

Ra li l-konvenut ipprezenta Risposta fejn qal li d-danni fuq il-vettura ta' l-attur kienu ezistenti qabel l-incident u ghalhekk il-konvenut m'ghandu jhallas xejn.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Jirrizulta minghajr dubju li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident. Fil-fatt lanqas ikkontesta r-responsabbilta' w inoltre jirrizulta li skond l-ewwel test li sar mill-pulizija l-konvenut kien "under the influence of alcohol" (ara Dok. LC) ezatt wara l-habta.

Illi l-kontestazzjoni tal-konvenut huwa fis-sens li ma kkagunax id-danni pretizi mill-attur. Illi fir-*Road Accident Report* hemm notament ta':

"Slight damage to right rear door"

Illi gie esebit estimate fl-ammont ta' Lm79.42c (disgha u sebghin lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) u bejgh ta' part ta' Lm159.31c (mija u disgha u hamsin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu). Gie esebit ukoll ritratt tal-vettura ta' l-attur.
Illi d-danni jidhru ragunevoli u l-konvenut ma gab ebda evidenza biex juri li kien hemm danni qabel l-incident.

Ghaldaqstant jichad ir-Risposta tal-konvenut, jiddikjara li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident, jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas Lm238.73c (mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu) lill-attur bl-ispejjez u bl-imghax mid-29 ta' Lulju, 2003.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------